# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 518/2016**

Il-Pulizija

vs

**Kenneth Cutajar**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 11373(M)

Illum, 10 ta'Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kenneth Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-tnax ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (12/08/2016) ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00 hrs), u nhar is-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (16/08/2016) ghal habta tal-harnsa ta' wara nofsinhar (17:00 hrs), fil-Gzejjer Maltin, irrifjuta li jaghti access lill-wild taht kustodja tieghu lil Rowena Cilia, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt rninghajr xi raguni xierqa a termini tal-Kapitolu 9 Artikolu 338(11).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal twiddiba u canfira.
Rat ir-rikors tal-appellant ipprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellanti mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponenti u l-parte civile Rowena Cilia huma l-genituri ta' zewgt itfal li ghadhom minorenni, u jinsabu separati legalment in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 3 ta' Lulju, 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat.

Illi in forza tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, kien gie miftiehem illi ghalkemm il-kura u l-kustodja taghhom tibqa' kongunta, it-tfal ghandhom jirrisjedu mal-esponenti, b'access favur l-omm.

Illi l-azzjoni kriminali ttiehdet fir-rigward tat-tifel iz-zghir li jismu Zach u li llum ghandu tnax-il sena wara incident li sehh nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Lulju, 2016 meta nqala' incident waqt illi ommu kienet qieghda tezercita l-access.

Illi bir-rispett kollu, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi ghas-segwenti ragunijiet:

Illi r-retroxxena li wasslet sabiex it-tifel Zach jirrifjuta li jmur ghand ommu tmur lura ghal-incident partikolari li sehh nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (28/07/2016)' fejn it-tifel Zach safa aggredit minn huh il-kbir filwaqt illi kien fir-residenza ta' ommu u din tal-ahhar kienet qed tezercita l-access u li, b'konsegwenza ta' dan, it-tifel irrifjuta illi jmur ghand ommu.

Illi l-esponenti jissottometti illi, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u partikolarment ir-rifjut tat-tifel illi jmur ghand ommu, jirrizulta li l-istess esponenti qatt ma rrifjuta li jaghti access tat-tifel minuri Zach lil ommu izda kien it-tifel stess illi rrifjuta illi jaghmel dan. IIli konsegwentement, l-esponenti ma seta' qatt jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi kien sehh incident fit-28 ta' Lulju 2016, meta, filwaqt illi t-tifel kien qieghed ghal xi sighat ghand ommu, dan safa aggredit minn huh ta' sbatax-il sena li beda jtih bil-mobile fuq dahru waqt illi ommu kienet qed tistrieh. Illi rrizulta illi dan tal-ahhar beda jtih go dahru, xarrabblu l-mobile u beda jheddu illi kien sejjer ikissirulu u waddablu n-nuccali.

Illi rrizulta illi l-kwistjoni li nqalghet kienet tirrigwarda l-ghazla tal-parrina tat-tifel Zach illi ma nizlitx tajjeb ma' ommu u ma' huh billi dan tal-ahhar kien ippretenda illi jintghazel hu bhala l-parrinu ta' huh.

Illi l-esponenti xehed illi dakinhar tal-incident, huwa rcieva messagg cellulari minghand it-tifel fejn dan tal-ahhar qallu biex jigi jghinu.  L-esponenti cempel lill-omm it-tifel biex isaqsiha x'gara izda din ma tatux sodisfazzjon. Meta kien sar il-hin u l-esponenti mar jigbor it-tifel, dan hareg jibki minghand ommu u b'zaqqu barra minkejja illi l-esponenti mar jigbru filghaxija. Dwar dan l-incident sar rapport l-ghassa u inhareg rapport mediku li kopji taghhom gew ezibiti mill-esponenti f'dawn il-proceduri.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident u kif gie ppruvat, l-esponenti stitwixxa proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja kif jirrizulta mill-provi dokumentarji prodotti minnu u li jiffurmaw parti mill-atti wkoll, fejn talab illi jigi eskluz l-access almenu sakemm issir il-Grizma tat-tifel Zach.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Familja appuntat l-Avukat tat-Tfal u ltaqghet mat-tifel Zach wahdu, u kif jirrizulta mir-rapport taghha li kopja legali tieghu jifforma parti mill-atti ta' dawn il-proceduri, it-tifel Zach, li gie deskritt bhala tifel matur u intelligenti u dan ikkonferma maghha illi ma jhossux komdu meta jkun ghand ommu specjalment ghal dak li jirrigwardaw sleepovers.

Illi b'konsegwenza ta' dawn il-proceduri u in forza ta' digriet ta' 4 ta' Ottubru, 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Familja varjat l-access u naqqset il-hinijiet tal-access tat-tifel Zach m'ommu, b'dan illi t-tifel m'ghadux ikollu sleepovers ghand ommu izda l-access naqas ghal kull nhar ta' Tlieta mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m. u nhar ta' Hadd mill-10.00 a.m. sas-7.00 p.m, meta qabel u bi qbil bejn il-partijiet, it-tifel kien iqatta' minn nhar ta' Gimgha sa' nhar ta' Hadd ghand ommu fuq bazi alternattiva u cioe, weekend iva u weekend le.

Illi, mill-provi rrizulta illi, sakemm inqala' l-incident tat-28 ta' Lulju 2016, il-parte civile ma kienitx qed tezercita l-granet u l-hinijiet tal-access skond kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni izda l-granet u l-hinijiet kienu gew varjati fuq talba taghha stess, u li kienet hi stess illi kienet tkellem lit-tifel u titolbu jmur ghandha anke fid-dati in dezamina, u kien it-tifel illi kien ikellimha u jghidilha illi ma riedx imur.

Illi l-esponenti jissottometti illi l-elementi tar-reat ma jissussistux u li ma seta' qatt jinstab hati tar-reat, tenut kont tac-cirkostanzi, peress illi, fl-ewwel lok, huwa qatt ma rrifjuta illi jaghti access lill-parte civili ghat-tifel izda kien it-tifel stess illi rrifjuta illi jaghmel dan. Illi xhieda ta' dan huwa l-kontenut tal-affidavit ta' PS 609 James Magro illi xehed illi l-istess parte civile stqarret mieghu illi t-tifel"qalha (sic) li ma jridx jigi ghax huh joqghod jaghtih u hi toqghod taqbez ghalih"

Illi l-Ewwel Qorti skartat l-ghazla libera ta' Zach li jirrifjuta illi jmur ghand ommu fil-granet indikati u erronjament interpretat in-nuqqas ta' l-access bhala att kriminal kommess mill-missier.

Illi l-esponenti jissottometti illi l-ebda htija ma tista' tigi addebitata lilu per konsegwenza tar-rifjut tat-tifel illi jmur ghand ommu, u dan ir-rifjut jinsab ikkonfermat anke rnir-rapport tal-Avukat tat-Tfal (kopja legali ezibita).

Illi t-tlett elementi tar-reat kif ikkonfermati mis-sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti ma jissusstux, kif ikkonfermat anke mill-provi prodotti. Illi l-parte civile ma ppruvatx dawn l-elementi sal-grad rikjest rnil-ligi stante illi hija stess ammettiet mal-ufficjali tal-pulizija illi kien it-tifel stess illi kien qalilha bit-telefon illi ma riedx imur ghandha fil-granet indikati fl-akkuza.

Illi, kif rrizultaw mill-provi prodotti u fuq talba tal-istess Rowena Cilia, l-access ma kienx qieghed jigi ezercitat minnha fil-granet miftiehma bejn il-partijiet u kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni, izda fi granet u hinijiet differenti u konsegwentement, ghandu jirrizulta mill-provi prodotti illi effettivament, il-modalita tal-access ma kienx qieghed jigi ezercitat kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni izda l-arrangament kien differenti, kif sejjer jigi ampjament ippruvat u konsegwentement, l-esponenti ma setax jinstab hati ta' reat fir-rigward ta' modalita ta' access illi ma kienx qieghed jigi rispettat mill-parte civili stess (sottolinear tal-esponenti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja fejn ix-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta.

Illi ghalhekk din il-Qorti jkollha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi din il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li ma kienitx ser toffri x-xhieda taghha f'dawn il-proceduri. Ghalhekk, din il-Qorti ma ghandha ebda prova li biha tista' tasal ghal kwalunkwe tip ta' konkluzjoni.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni, tilqa l-appell ta' Kenneth Cutajar. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u pena.